

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fit-23 ta' Novembru 2015 –
A-Rosa Flussschiff GmbH vs Union de recouvrement des cotisations de sécurité sociale et
d'allocations familiales d'Alsace (Urssaf), aventi kawża tal-Urssaf du Bas-Rhin,
Sozialversicherungsanstalt des Kantons Graubünden**

(Kawża C-620/15)

(2016/C 048/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A-Rosa Flussschiff GmbH

Konvenuti: Union de recouvrement des cotisations de sécurité sociale et d'allocations familiales d'Alsace (Urssaf), aventi kawża tal-Urssaf du Bas-Rhin, Sozialversicherungsanstalt des Kantons Graubünden

Domanda preliminari

L-effett marbut maċ-ċertifikat E 101 maħruġ, skont l-Artikoli 11(1), u 12a(1a) tar-Regolament Nru 574/72/KEE, tal-21 ta' Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impiegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità ⁽¹⁾, mill-istituzzjoni indikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħi dwar is-sigurtà soċjali tibqa' tapplika għas-sitwazzjoni tal-ħaddiem impiegat, huwa impost, minn naħa, fuq l-istituzzjonijiet u l-awtoritatiet tal-Istat ospitanti, u min-naħa l-oħra, fuq il-qratil tal-istess Stat Membru, meta jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet tal-attività tal-ħaddiem impiegat ma jaqgħux manifestament taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-regoli derogatorji tal-Artikolu 14(1) u (2), tar-Regolament Nru 1408/71 ⁽²⁾?

⁽¹⁾ ġu Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 1, p. 83.

⁽²⁾ ġu Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 1, p. 35.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fit-23 ta' Novembru 2015 –
W et vs Sanofi Pasteur MSD SNC, Caisse primaire d'assurance maladie des Hauts-de-Seine, Caisse
Carpimko**

(Kawża C-621/15)

(2016/C 048/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: W et

Konvenuti: Sanofi Pasteur MSD SNC, Caisse primaire d'assurance maladie des Hauts-de-Seine, Caisse Carpimko